# Mons. Ġużeppi De Piro u s-Soċjetà Missjunarja ta' S. Pawl

Meta ġejt avviċinat biex nikteb kelmtejn fuq Mons. Ġużeppi De Piro u s-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl għal fuq il-Programm tal-Festa Titulari ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ, aċċettajt bil-ferħa għax ir-rabta tas-Soċjetà tagħna ma' Ħaż-Żebbuġ hi waħda kbira. Dan il-għaliex ħafna mill-benefatturi tas-Soċjetà tagħna huma Żebbuġin. Warajna u wara l-missjonijiet tagħna hemm numru kbir ta' Żebbuġin tassew ta' qalb kbira. Għalhekk lilhom speċjalment u liż-Żebbuġin kollha niddedika dawn il-kelmtejn u f'isem is-Soċjetà minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.

Mons. Ġużeppi De Piro, il-fundatur tagħna, twieled fl-Imdina fit-2 ta' Novembru 1877. Missieru kien in-Nobbli Alessandro dei Marchesi De Piro. Ommu kienet Ursola Agius. Kellhom disat itfal u Ġużeppi kien jiġi s-seba' wieħed. Twieled u trabba fil-lussu ta' familja nobbli u sinjura u l-bibien ta' l-opportunitajiet li tagħti l-ħajja kienu kollha miftuħin quddiemu.

Ta' 21 sena, waqt li kien f'nofs il-kors tal-liġi fl-Università, ħass is-sejħa biex isir saċerdot. Kien fit-8 ta' Mejju, waqt is-supplika tal-Madonna ta' Pompej, li ddeċieda li jsir saċerdot. Alla kien għażlu għalih u kien qed iżejnu b'ġenerożità tassew kbira tant li llum nistgħu nagħrfuh bħala wieħed mill-personalitajiet Maltin li bis-servizz nobbli tiegħu għamel ġieh kbir lil Malta u lill-Knisja.

Bħala student tal-Capranica beda l-istudji tal-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università Gregorjana f'Ruma fl-1898. Erba' snin wara, fil-15 ta' Marzu ġie ordnat saċerdot fil-Bażilka tal-Lateran.

Wara tliet snin jaħdem fil-parroċċa tal-Qrendi, beda jiġi mogħti diversi responsabbiltajiet kbar. Intgħażel Direttur ta' l-Istitut ta' l-Iltiema ta' Fra Diegu, il-Ħamrun (1907); Monsinjur tal-Katidral (1911); Segretarju ta' l-Arċisqof Mawru Caruana (1915); Rettur tas-Seminarju Maġġuri fl-Imdina (1918-1920); Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral (1920); Direttur ta' l-Istitut ta' l-Iltiema ta' San Ġużepp, il-Ħamrun (1922); Direttur ta' l-Istitut ta' l-Iltiema ta' Ġesù Nazzareno, iż-Żejtun (1922); Direttur tad-Dar ta' l-Iltiema ta' San Ġużepp Għajnsielem (1925); Direttur tad-dar taċ-Ċkejknin (1925) u ta' l-Istitut ta' San Franġisk ta' Paola f'Birkirkara (1927).

Fil-qasam politiku ta s-sehem tiegħu wkoll. Fl-1919 kien fost il-mexxejja tal-Maltin li għenu biex tinżamm il-kalma fl-inkwiet tas-Sette Giugno. Ta s-sehem biex fl-1921 Malta tingħata Kostituzzjoni ġdida. Fl-1930 wettaq ħidma ta' medjazzjoni bejn il-Knisja u Lord Gerald Strickland. Bejn l-1932 u l-1933 Mons. Ġużeppi De Piro kien Senatur fit-Tielet Parlament Malti.

Iżda s-sena l-aktar importanti li ma rridux ninsew hi l-1910 meta Mons. Ġużeppi De Piro ta bidu għas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl u laqa' fiha l-ewwel żewġ membri. Kienet il-ħolma ta' ħajtu li l-Vanġelu jitwassal sa truf l-art. Kien spiss itenni l-ħtieġa li nwasslu lill-oħrajn dak li San Pawl ta lilna. B'qalb kbira ta' missjunarju Mons. Ġużeppi De Piro ried, permezz tal-membri tas-Soċjetà, li mad-dinja kollha tasal u tinżel fil-qalb ta' kull bniedem l-isbaħ aħbar; li Alla hekk ħabb il-bniedem li ċċekken, sar bniedem bħalna u miet għalina fuq is-salib biex jifdina u jsalvana. Il-Missjunarji ta' De Piro huma u jxandru din l-aħbar, jistiednu u jħeġġu lill-popli ta' kull lewn u fehma biex jimxu biss wara Ġesù l-Mulej, it-Triq, il-Verità u l-Ħajja.

L-ewwel missjunarju, Ġużeppi Caruana ntbagħat l-Afrika fl-Abbisinja. Wara l-Afrika nfetħu l-missjonijiet tal-Perù u tal-Pakistan. Il-missjunarji tagħna marru wkoll ma' l-eluf ta' emigranti Malti li ħallew xtutna lejn l-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti. Kull fejn qegħdin, il-missjunarji tagħna jwasslu l-Kelma Ħajja tal-Vanġelu lil min jiġi afdat pastoralment f'idejhom. Ma tonqosx ukoll fil-missjonijiet tagħna l-għajnuna kbira tagħna b'kull mod lejn tant nies foqra u batuti. Kif jista' jkun li le meta l-Fundatur tagħna kellu qalbu tant miftuħa lejn il-fqar u l-batuti? Mons. De Piro kien magħruf ħafna għall-karità. Ġieli ta kull sold li kellu tant li mhux darba jew tnejn mill-Belt jew mill-Ħamrun kellu jitla' l-Imdina bil-mixi. Ommu meta tarah ġej spiss kienet tlissen "Ġej il-fqir tiegħi!"

Is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl sfat iltima kmieni għax Mon. De Piro miet fl-1933 fil-festa tad-Duluri (ta' Settembru) meta kellha biss tlieta u għoxrin sena. Iżda l-ispirtu missjunarju li ħallielha baqa' jmantniha u llum, hija u tkompli tiskoprieh u tapprezzah, ghadha mimlija ħeġġa u entużjażmu li tkompli tixtered u bil-qalb taqdi l-missjoni tagħha.

**Rev. John Philip Curmi MSSP**